MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2313/2002

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Gerada u l-istess Joseph Gerada**
**Vs**
**Antonia Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta Settembru 2002, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u wiehed u ghoxrin lira hamsa u sittin centezmu (Lm321.65) rapprezentanti d-danni sborsati mill-atturi kwantu ghal Lm221.65 mis-socjeta attrici u kwantu ghal Lm100 mill-attur in konnessjoni ma incident awtomobilistiku li sehh fil-Pieta nhar il-15 ta April 2002 meta l-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura numru TAG 444 habtet mal-vettura numru CAP 919 proprjeta tal-attur misjuqa minn Jurgen Gerada u ghal liema incident kienet unikament responsabbli l-istess konvenuta.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali datati 12 ta Lulju 2002 u ta dik prezentata kontestwalment ma dana l-att ghan-notifika tal-assikrazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta Malta u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-12 ta Lulju 2002 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta fl-1 ta Ottubru 2002 fejn giet kontestata kemm ir-responsabbilita tal-incident in kwistjoni u kif ukoll il-kwantum tad-danni reklamati oltre b'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti inkluz id-dokumenti esebiti.
Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat.

Ghandu jirrizulta mir-rapport u skizz mhejji mis-surgent PS 245 Keith Arnaud kif konfermat bil-gurament tieghu seduta stante illi l-incident in kwistjoni sehh fil-Pieta bejn il-vettura proprjeta tal-attur li kienet miexja fit-trieq principali u ippuntat biex tidhol fil-parking area u l-vettura misjuqa mill-konvenuta li kienet hierga ghal fuq it-triq principali fejn kellha sinjal ta "give way". Skond l-istess surgent il-vettura tal-attur mhux suppost li setghet tidhol minn fejn ippuntat peress li dejjem skond l-istess surgent, il-vettura CAT 919 kellha ddur id-dawra u tidhol ghal gol parking area minn fejn kienet hierga l-konvenuta filwaqt li l-vettura tal-konvenuta sabha spustjata ftit il-barra mill-give way sign b'tali mod u manjiera li min kien ghaddej mit-trieq principali kien kostrett li jigbed ftit il-barra biex jevita l-vettura tal-istess konvenuta ghalkemm jibqa fuq il-karreggjata tieghu. Ikkonferma wkoll pero li ma hemm ebda sinjal fit-trieq principali li jindika li l-vetturi ma jistghux jaghmlu l-manuvra li ttentat taghmel il-vettura tal-attur biex jidhol ghal gol parking area. Izid ighid pero u dana kif jidher anke mill-iskizz imhejji minnu illi mal-art hemm "dotted lines" li jindikaw kif ghandu jimxi t-traffiku.

Illi mill-istess skizz partikolarment mir-rough sketch esebit bhala Dok KA 6 it-Tribunal innota sew il-posizzjoni tal-vetturi fejn waqfu mal-habta u cioe b'mod partikolari li l-vettura tal-konvenuta fuq in-naha ta quddiem tax-xellug taghha tinsab kompletament 'silbarra mid-dotted lines u kwindi 'l hinn mill-give way sign u dina fil-karreggjata minn fejn kienet gejja l-vettura tal-attur u kif ukoll il-fatt li l-vettura tal-istess attur ghalkemm tinsab ippuntata sabiex tidhol ghal gol-parking area kienet ghadha certu distanza 'il boghod mill-istess parking area u kif ukoll mid-dotted lines minn fejn kienet hierga l-konvenuta. Difatti l-punt tal-impatt sehh kompletament fil-karreggjata minn fejn kienet gejja l-vettura tal-attur u cioe fit-trieq principali. Gie notat ukoll li l-hsara fil-vettura tal-konvenuta tinsab fuq quddiem filwaqt li dik ta l-attur tinsab fuq il-gemb ta quddiem tax-xellug. Illi dana qed jinghad peress illi jista jigi argumentat li anke fil-kaz li l-vettura tal-attur ma kellhiex l-intenzjoni li taghmel il-manuvra li tidhol fil-parking area, xorta wahda kien isehh l-impatt ghas-semplici raguni illi l-konvenuta naqset certament li zzomm a proper look out halli tassikura ruhha li t-trieq principali fejn riedet tohrog kienet libera mit-traffiku – tassew jigi osservat li l-konvenuta naqset li tosserva l-give way sign stante li skond kliema stess l-impatt sehh hekk kif hija giet biex taqla.

Illi jigi osservat ukoll li l-kwantum tad-danni gew soddisfacentement ipprovati permezz tad-dokumenti esebiti.

Jurgen Gerada, s-sewwieq tal-vettura proprjeta tal-attur jikkonferma l-verzjoni li huwa ta a tempo vergine lis-surgent. Jinsisti li qabel ma ppunta lejn il-parking area, huwa xeghel l-indicator u kif ukoll innota li l-konvenut kienet qed thares lura biex tara hux gej traffiku minn warajha, ma waqfitx, baqghet hierga u laqtitu. Peress li nnota li setghet issir il-habta huwa paqpaq il-horn pero ghal xejn peress li l-konvenuta xorta wahda baqghet hierga. Ix-xhud Eleonor Debono li kienet passiggiera ma Jurgen Gerada tikkorobora l-verzjoni tas-sur Gerada mija fil-mija.

Il-konvenuta wkoll tikkonferma l-verzjoni li hija tat dak in-nhar tal-incident lis-surgent tal-pulizija. Tghid illi waqfet fuq il-give way sign tistenna l-vetturi jghaddu u dana peress li kien hemm it-traffiku ghaddej fiz-zewg karreggjati. Hija ssostni pero li hija kienet ghadha wieqfa tistenna li t-trieq principali tigi libera mit-traffiku meta sehh l-impatt u ghalhekk targumenta li l-impatt sehh ‘il ghaliex kien is-sur Gerada li dahal fiha meta kienet wieqfa u mhux li hi laqghtet lil Gerada hi u hierga. Il-konvenuta pero ma taqbilx li l-vettura taghha kienet daqshekk il-barra mid-dotted lines kif indikat fuq iz-zewg skizzi maghmula mis-surgent u ssostni li kienet biss ir-rokna ta quddiem tal-fanal li kien sporgut ‘il barra. Tghid ukoll li f’ebda mument ma hija setghet tipprova tohrog ‘il barra fit-trieq principali fil-hin tal-incident peress li t-traffiku kien il-hin kollu gej. Ix-xhud George Galea prodott mill-konvenuta jghid li ra l-vetturi in kwistjoni mahbutin u nnota li r-roti tal-vettura tal-konvenuta kienu ‘il gewwa mid-dotted lines filwaqt li l-bumper taghha kien sporgut ‘il barra b’xi zewg centimetri u kwindi mhux kif indikati fl-iskizzi tas-surgent Arnaud.

In kontro-ezami, l-konvenuta tikkonferma li meta kienet wieqfa rat lill-vettura tal-attur gejja, qisu, zewg vettturi boghod u ratha gejja normali mal-flow of traffic, b’vetturi ohra kemm quddiemu u kif ukoll warajh. Tghid ukoll li l-vettura tal-attur ilwiet wara li laqtitha u mhux qabel. Tghid ukoll li ghalkemm kienet kontinwament qed thares lejn ix-xellug minn fejn kien gej it-traffiku ma ftakritx jekk ratx l-indicator tal-vettura tal-attur kienx mixghul o meno. Jigi notat ukoll mit-Tribunal li mix-xhieda tal-konvenuta tirizulta haga stramba li ghalkemm skond hi baqghet dejjem thares lejn ix-xellug taghha minn fejn kien gej it-traffiku, nkluz il-vettura tal-attur, l-istess konvenuta fil-fatt qatt ma tghid li rat il-vettura tal-attur tahbat ma taghha izda tghid in kontro-ezami li “semplicement smajt il-hoss taghha mal-vettura tieghi”.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti, partikolarment taz-zewg skizzi prezentati mis-surgent Arnaud it-Tribunal ihoss li l-incident in kwistjoni sehh irrispettivament mill-fatt jekk l-vettura tal-attur ghamlitx jew setghetx taghmel il-manuvra biex tidhol ghal parking area o meno u dana tenut kont ta

xi osservazzjonijiet gia maghmula hawn fuq. L-impatt bejn iz-zewg vetturi sehh ‘il ghaliex il-konvenuta pprovat tohrog minn fuq posizzjoni give way ghat-trieq principali meta ma kinietx libera mit-traffiku u mhux ‘il ghaliex il-vettura tal-attur dahlet go fiha meta hija tghid li kienet ghadha wieqfa. Illi ghalhekk qed jigi konkluz li l-konvenuta kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni stante li naqset li tosserva sew ir-regolamenti tat-traffiku ghar-ragunijiet hawn gia moghtija u spjegati.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u konsegwentement ghalhekk filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet minnha sollevati, jilqa' t-talbiet tal-atturi u kwindi jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma kif rikjesta ta tliet mija wiehed u ghoxrin lira hamsa u sittin centezmu (321.65) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza tenut kont li l-konvenuta ma tahti xejn ghad-dewmien li kien hemm f’dawn il-proceduri bl-ispejjez, pero`, ta din l-istanza ghandhom jithallsu mill-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------